

Immexxu l-Ewropa lejn sistema ferrovjarja
sostenibbli u sikura mingħajr fruntieri.

Sejħa għall-Applikazzjonijiet għal kariga ta' Assistent (Assistent finanzjarju/amministrattiv) fl-Unità tar-Riżorsi u tal-Appoġġ (RSU)

*Aġent Temporanju 2(f) (AST3) - bl-għan ulterjuri li tiġi stabbilita
lista ta' riżerva - ERA/AST/2023/001*

I - KONTENUT TAL-IMPJIEG

Id-detentur tal-impjeg se jaħdem fl-Unità RSU, taħt ir-responsabbiltà tal-Kap tat-Tim tal-ITFM u se jipprovi appoġġ finanzjarju/amministrattiv/organizzattiv ġenerali f'dak li jirrigwarda l-funzjonament ta' kuljum tal-Aġenzija għal aspetti relatati mal-ICT u mal-ġestjoni tal-faċilità/tas-servizzi loġistiċi.

Kompiti u responsabbiltajiet ewlenin:

- › Jipproċessa tranżazzjonijiet finanzjarji bħala Aġent għad-Dħul ta' Data u/jew Aġent Inizjatur f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli:
 - o Impenji Finanzjarji (eż. Riżervi ta' fondi, Ordnijiet ta' Xiri);
 - o Impenji legali (eż. Kuntratti speċifiċi, Formoli ta' ordnijiet, Ordnijiet ta' xiri);
 - o Pagamenti (eż. Direttivi dwar Pagamenti, Pagamenti ta' regolarizzazzjoni);
 - o Ordnijiet ta' rkupru.
- › Isegwi u jassisti fil-monitoraġġ tal-linji baġitarji,
- › Isegwi l-eżekuzzjoni ta' kuntratti u l-konsum ta' Kuntratti qafas,
- › Jipprovi appoġġ amministrattiv kif meħtieġ mill-kap tat-Tim tal-ITFM/Kap tal-unità tar-Riżorsi u tal-Appoġġ.

II - KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

Il-proċedura ta' selezzjoni hija miftuħa għall-kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha li ġejjin, fid-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

1. Rekwiżiti ġenerali:

- › Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea¹, jew ċittadini taż-Żona Ekonomika Ewropea (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja);
- › Ikunu intitolati għad-drittijiet kollha bħala ċittadini;
- › Ikunu wettqu kull obbligu impost mil-liġijiet applikabbli li jikkonċernaw is-servizz militari²;
- › Jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti³;

¹ L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, u l-Iżvezja.

² Jekk applikabbli

³ Qabel ma jiġi rreklutat, il-kandidat li jintgħażel jintalab jipprovi ċertifikat li jikkonferma li ma hemm l-ebda rekord kriminali

- › Ikunu fiżikament f'saħħithom biex iwettqu d-dmirijiet relatati mal-kariga⁴;
- › Ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' lingwa uffiċjali⁵ tal-Unjoni Ewropea u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra⁶ tal-Unjoni Ewropea sa fejn dan huwa meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet relatati mal-kariga;
- › Ikollhom anqas mill-età li fiha l-persunal tal-UE jirtira b'mod awtomatiku, jiġifieri attwalment fl-aħħar jum tax-xahar li fiha huma jilħqu l-età ta' 66 sena⁷.

2. Kwalifiki minimi:

- › Ikollhom livell ta' edukazzjoni postsekondarja attestat permezz ta' diploma, **JEW**
- › Ikollhom livell ta' edukazzjoni sekondarja attestat permezz ta' diploma li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja, u għall-esperjenza professjonali xierqa ta' mill-anqas tliet snin.

Jiġu aċċettati biss kwalifiki maħruġa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE jew mill-awtoritajiet taż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) u kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri tal-UE jew taż-ŻEE.

III - KRITERJI TA' SELEZZJONI

Il-kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti hawn fuq, jiġu vvalutati u jingħataw punteġġ skont **il-kriterji ta' selezzjoni**. Il-kandidati li ma jissodisfawx wieħed jew iktar mill-kriterji ta' selezzjoni mhumieq se jiġu esklużi immedjatament mis-selezzjoni.

Kriterji ta' selezzjoni użati biex jiġu vvalutati l-applikazzjonijiet tal-kandidati:

- › Esperjenza professjonali mixhuda bi prova ta' mill-inqas tliet snin fl-inizjazzjoni finanzjarja: impenji;
- › Esperjenza professjonali mixhuda bi prova ta' mill-inqas tliet snin fl-inizjazzjoni finanzjarja: pagamenti;
- › Esperjenza professjonali mixhuda bi prova ta' mill-inqas tliet snin fil-ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti;
- › Għarfien meħtieġ tal-lingwa Ingliża⁸ (mill-inqas livell B2 fit-tliet oqsma);
- › Għarfien meħtieġ tal-lingwa Franċiża⁹ (mill-inqas livell B2 fit-tliet oqsma);
- › L-esperjenza fl-użu tal-għodod ta' ġestjoni finanzjarja tal-UE hija meqjusa bħala vantaġġ.

Il-kwalifiki edukattivi/akkademiċi u l-esperjenzi professjonali għandhom jiġu deskritti b'mod preċiż kemm jista' jkun fil-formola ta' applikazzjoni tal-ERA.

Huma biss il-kandidati li jgħaddu minn minimu ta' 60 % tal-punteġġ totali mogħtija għall-kriterji ta' selezzjoni li jiġu kkunsidrati u mistiedna għal intervista u test bil-miktub.

⁴ Qabel ma jiġi rreklutat, il-kandidat li jintgħażel għandu jiġi eżaminat f'ċentru mediku indikat mill-Aġenzja sabiex jiġi kkonfermat li r-rekwiżiti tal-Artikolu 13 tas-CEOS tal-UE huma ssodisfati.

⁵ Il-lingwa materna tiegħek jew lingwa oħra uffiċjali tal-UE li għandek għarfien tajjeb ħafna tagħha li jikkorrispondi għal-livell C1 kif definit fil-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL) <http://europass.cedefop.europa.eu/en/resources/european-language-levels-cefr>

⁶ Għarfien tat-tieni lingwa uffiċjali tal-UE tiegħek li jikkorrispondi mill-anqas għal-livell B2 kif definit fil-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL)

⁷ Ara l-Artikolu 52 (a) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali, applikabbli għal Aġenti Temporanji b'analoġija, l-Artikolu 47 tas-CEOS

⁸ Peress li l-lingwa funzjonali tal-Aġenzja hija l-Ingliż, huwa meħtieġ livell minimu B2 fl-Ingliż (fit-tliet oqsma; Taħdit, Kitba u Fehim)

⁹ Peress li l-Franċiż jirrappreżenta lingwa rilevanti ta' komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni fil-qasam finanzjarju, huwa meħtieġ livell minimu B2 fil-Franċiż (fit-tliet oqsma; Taħdit, Kitba u Fehim)

IV – INTERVISTA U TEST BIL-MIKTUB

Il-kandidati magħżula għall-fażi tat-test li tinkludi intervista strutturata u test bil-miktub se jiġu vvalutati u jingħataw punteġġi skont il-kriterji li ġejjin:

1. Għall-intervista:**Ħiliet personali (ivvalutati biss matul l-intervista):**

- › Motivazzjoni;
- › Ħiliet ta' komunikazzjoni;
- › Kapaċità li jipprovdu xogħol preċiż taħt pressjoni u fi skadenzi qosra, li jorganizzaw l-ammont ta' xogħol u jipprioritizzaw il-kompiti;
- › Kapaċità li jaħdmu ma' oħrajn.

Ħiliet tekniċi:

- › Kapaċità li jikkomunikaw bl-Ingliż (mill-inqas fil-livell B2) u bil-Franċiż (mill-inqas fil-livell B2);
- › Għarfien tar-Regolament Finanzjarju tal-UE u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu.

2. Għat-test bil-miktub:

- › Ħiliet analitiċi u ta' soluzzjoni tal-problemi;
- › Ħiliet ta' rappurtar;
- › Kapaċità li jiktbu bl-Ingliż (mill-inqas fil-livell B2).

Il-punteġġi għall-intervista u t-test bil-miktub huma stabbiliti kif ġej:

- | | | | |
|--|----------------|-------------------------------------|-----------------------------------|
| › Punteġġ totali għall-intervista: | 60 punt | Punteġġ minimu biex wieħed jgħaddi: | 42 punt (70 % ta' 60 punt) |
| › Punteġġ totali għat-test bil-miktub: | 40 punt | Punteġġ minimu biex wieħed jgħaddi: | 28 punt (70 % ta' 40 punt) |

It-test bil-miktub tal-kandidati ma għandux jiġi vvalutat jekk matul l-intervista l-punteġġ minimu biex wieħed jgħaddi ma jintlaħaqx;

Sabiex tivvaluta l-għarfien meħtieġ tiegħek tal-lingwa Franċiża, jekk jogħġbok innota li mistoqsija waħda matul l-intervista se ssir f'din il-lingwa. Il-kandidati huma mistennija jwieġbu bil-Franċiż.

Għall-kelliema nattivi tal-Ingliż, il-kapaċità tiegħek li tikkomunika bit-tieni lingwa tal-UE tiegħek se tiġi ttestjata matul l-intervista. Minħabba li din tiffirma parti mir-rekwiżiti ġenerali msemmija hawn fuq, kwalunkwe nuqqas li tagħti prova tal-livell sodisfaċenti tat-tieni lingwa tal-UE tiegħek iwassal biex tiġi eskluż mis-selezzjoni.

IV – SOMMARJU**L-Aġenzja:**

Ikklikkja [hawn](#) għad-deskrizzjoni tal-Aġenzja u l-entitajiet tagħha fil-lingwi differenti tal-UE

Data tal-pubblikazzjoni: 17/05/2023

Data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet:
15/06/2023 (23.59 CET, ħin lokali ta' Valenciennes)

Tip ta' kuntratt: Aġent Temporanju 2(f)
Grupp tal-funzjoni u grad: AST3

Post tal-impjeg: Valenciennes, Franza

<i>Durata tal-kuntratt:</i> Erba' snin u jista' jiggdedded għal perjodu definit ta' mhux aktar minn sentejn. Jekk jiggdedded għat-tieni darba, il-kuntratt isir indefinit	<i>Salarju bażiku fix-xahar:</i> EUR 4.188,45 fl-ewwel skala b'fattur ta' ponderazzjoni ta' 16,8 % (mill-01/07/2022) flimkien ma' allowances speċifiċi fejn applikabbli
<i>L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu b'email biss lil mailbox: jobs@era.europa.eu</i> sa mhux aktar tard minn 15/06/2023 (23.59 CET, ħin lokali ta' Valenciennes)	<i>Lista ta' riżerva:</i> L-ewwel 10 kandidati (numru indikattiv) se jitqiegħdu fil-lista ta' riżerva li hija valida sa: 15/06/2025, bil-possibbiltà li tiġi estiża
<i>Proċedura ta' applikazzjoni:</i> ikklikkja hawn	<i>Proċedura ta' selezzjoni:</i> ikklikkja hawn
<i>Proċeduri ta' appell u ta' lment:</i> ikklikkja hawn	<i>Protezzjoni tad-data:</i> ikklikkja fuq Data protection European Union Agency for Railways (europa.eu) u inżel 'l isfel fil-paġna għat-“taqsima Selezzjoni u rekrutaġġ tal-Persunal tal-Aġenzija (TA, CA, SNE u trainees)”